MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Numru. 388/2006

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kenneth Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kenneth Farrugia ta’ 28 sena, iben Emanuel u Emanuela nee` Vassallo, imwieled fil-Pieta` nhar l-24 ta’ Ottubru 1976, residenti ‘Monte Sinai’, Plot 20, Triq Joseph L. Zerafa, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita` numru 560077(M):

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Ottubru 2006 u matul dawn l-ahhar granet ta’ qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**L-ammissibilita` o meno tal-istqarrija**

Illi l-ewwel kwistjoni li ser tiddeciedi dwarha l-Qorti hija dik dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan stante illi fiz-zmien li din giet hekk rilaxxjata, l-istess imputat ma nghatax l-opportunita` li jikseb parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2011, id-difiza ghamlet referenza ghad-decizjonijiet kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs Esron Pullicino** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** u talbet illi din il-Qorti joghgobha tiddikjara dawn il-proceduri nulli, stante illi meta l-imputat gie arrestat u mitkellem mill-pulizija, huwa ma kellu l-ebda access ghall-parir jew assistenza legali, anke ghaliex il-ligi ma kinitx tippermetti dan u peress illi fis-sentenzi su riferiti gie deciz illi n-nuqqas ta' tali assistenza legali jammonta ghal ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, dan ghandu konsegwenza fuq il-process kollu u mhux biss fuq l-istqarrija. Alternattivament u sussidjarjament, id-difiza talbet illi l-istqarrija tigi sfilzata mill-process.

Illi fit-28 ta' Novembru 2011, il-Qorti, kif diversament preseduta, tat digriet fejn cahdet it-talbiet tal-imputat u ordnat il-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi. Sussegwentement, fl-14 ta' Novembru 2012, il-Qorti kif diversament preseduta, tat digriet iehor, fejn irrilevat illi in vista tal-izvilupp gurisprudenzjali dwar l-ammissibilita` tal-istqarrija meta l-imputat ma kellux access ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju, kif enuncjat fis-sentenza **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, irrevokat *contrario imperio* id-digriet taghha tat-28 ta' Novembru 2011 u stiednet lill-partijiet biex jaghmlu s-sottomissjonijiet ulterjuri dwar l-ammissibilita` ta' din l-istqarrija u jekk ikun necessarju, jressqu provi fir-rigward tas-sottomissjonijiet ulterjuri li ghandhom isiru mat-trattazzjoni finali.

Mhuwiex kontestat illi fil-jum li fiha ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fil-5 ta' Ottubru 2006, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukut waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur*."

F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq u dan ghaliex *inter alia*:

1. Meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrenti kien ragel matur li diga` kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita` hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn isir l-interrogatorju.

2. Ir-rikorrenti kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skond il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn u cioe` minghajr ma ssir l-ebda inferenza mill-fatt li huwa jibqa' sieket.

3. Sakemm infethet il-kawza, ir-rikorrenti qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li kien fiha.

Fis-sentenza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amanda Agius**, ghalkemm huwa minnu illi l-Qorti Kostituzzjoni kkonkludiet illi l-uzu tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata f'dak il-kaz, kien bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ghaliex din ma nghatatx l-opportunita` li tiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni taghha, madankollu, l-istess Qorti regghet irribadiet l-insenjament taghha fiz-zewg sentenzi hawn fuq citati. Fil-fatt, din is-sentenza hija fuq l-istess binarju ta' sentenza ohra moghtija fl-istess jum ossia dik fl-ismijiet **Pulizija vs Tyrone Fenech**, fejn inghad hekk:

> *"… il-qorti tibda biex tghid illi l-jedd ta' ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata mhux biex tinholoq formalita` li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat: dak il-jedd jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament. Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat.*
>
> *… Ghalkemm din il-qorti ma taqbilx illi hija interpretazzjoni korretta tal-kaz ta' Salduz illi tghid illi n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat iwassal,*

*għalhekk biss u ipso facto, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq*[1]*, madankollu jista' jiġri, indipendentement minn x'intqal f'*<u>*Salduz*</u>*, illi stqarrija meħuda mingħajr il-garanziji ta' leġittimita` twassal għall-ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq, mhux għax l-interrogat ma kellux għajnuna ta' avukat iżda għax l-istqarrija tkun ittieħdet abużivament u ma tkunx ta' min joqgħod fuqha.*

*… Din il-qorti ga` osservat illi l-jedd għal smiegħ xieraq ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalita` nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma daħal fis-seħħ l-Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali l-jedd għal parir ta' avukat kien magħruf bħala element tal-jedd għal smigħ xieraq bil-ħsieb illi jitħarsu persuni illi, minħabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilita`, dgħufija jew biża', setgħu jagħmlu stqarrijiet li bis-saħħa tagħhom jinsabu ħatja meta fis-sewwa ħatja ma humiex. L-għajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn isservi biex tegħleb dik il-vulnerabilita` u biex tagħti garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija."*

F'dak il-każ, stante illi l-imputat kien għadu kemm għalaq dsatax-il sena meta għamel l-istqarrija, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi jista' jkun li minħabba l-eta` tiegħu, huwa kellu dik il-vulnerabilita` u għalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal għal ksur tal-Artikolu 6. L-istess ġie deċiż fil-każ <u>**Pulizija vs Amanda Agius**</u>, fis-sens illi minħabba l-eta` tagħha, hija wkoll kellha dik il-vulnerabilita`.

Dawn il-prinċipji reggħu ġew ribaditi f'sentenza oħra tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' April 2013, fl-ismijiet <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech**</u> u f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha fl-ismijiet <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**</u> tad-9 ta' Mejju 2013, f'sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Mejju 2013, fl-ismijiet <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**</u>, fis-sentenza <u>**Il-Pulizija vs Jesmond**</u>

[1] Il-Qorti hawnhekk għamlet referenza għas-sentenza fuq ċitata fl-ismijiet <u>Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali</u>, u sentenza oħra fl-ismijiet <u>Joseph Bugeja vs Avukat Ġenerali</u> (Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Jannar 2013).

**<u>Camilleri</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013 u **<u>Il-Pulizija vs Alexei Zerafa</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013. L-istess principji regghu gew ribaditi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Alvin Privitera</u>**, f'liema sentenza saret referenza ghal sentenza ohra deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Cutajar</u>**.

Fil-kaz odjern, meta ttiehdet l-istqarrija, l-imputat kellu 28 sena u ma jidhirx li kien skonta xi piena ta' prigunerija qabel in kaz in ezami. Madankollu jidher mill-fedina penali tieghu, ghalkemm din ma kinitx xi wahda refrattarja, illi diga` kellu esperjenza ta' interrogatorju. L-ambjent ta' interrogatorju ghalhekk ma kienx aljen ghall-imputat u anke tenendo kont tal-eta` tieghu, u li certament ma kienx minuri jew kien ghadu kif lahaq il-maggor eta` fiz-zmien li ttehditlu l-istqarrija, m'hemm xejn li jista' jaghti x'jifhem illi l-imputat kien ser jintimida ruhu bl-ambjent fejn sarlu l-istess interrogatorju.

L-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija rilaxxjata minnu u ma allegax illi gie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex ghamel l-istqarrija jew li kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort'ohra meta ghamel l-istess stqarrija. Il-presenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbuzi bhal dawn, izda ma saret l-ebda allegazzjoni mid-difiza li dan fil-fatt sehh fil-kaz tieghu. Minkejja n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat, ghalhekk, ma kien hemm xejn illecitu jew abbuziv fit-tehid tal-istqarrija tal-imputat. L-imputat kien ukoll inghata s-solitu twissija, qabel ma rrilaxja l-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, imma dak li jinghad jista' jingieb bhala prova.

Minghajr ebda dubju, ghalhekk huwa nieqes dak l-element ta' vulnerabilita`, biex bhal f'kazijiet ohra inkluz dak ta' Salduz, jinstab illi hemm xi perikolu oggettiv illi minhabba fin-nuqqas ta' assistenza minn avukat meta huwa

rrilaxxja l-istqarrija, ser jigi lez id-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija tal-imputat bhala prova ammissibbli u valida f'dawn il-proceduri.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2006, xehed l-**Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Norbert Ciappara**[2] li qal illi fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru 2006, huwa kellu informazzjoni li gewwa garaxx fi Triq Corea, Qormi, liema garaxx kien jappartjeni lil certu Vincent Cucciardi, kien ser ikun hemm xi droga. Sussegwentement, intbghatu pulizija mill-Iskwadra Kontra d-Droga f'dan il-fond, fejn flimkien ma' Cucciardi, kien gie arrestat l-imputat. Minn tfittxija li saret f'Pajero li kienet qeghda tigi misjuqa mill-imputat u li kienet ipparkjata fl-istess triq, instabu diversi bicciet ta' sustanza kannella u nstabu wkoll xi pakketti b'sustanza bajda suspettata kokaina. Waqt tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, l-imputat ghadda lill-pulizija, pakkett zghir iehor simili b'sustanza bajda. Huwa pprezenta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-5 ta' Ottubru 2006, kif ukoll kopja ta' rcevuta li nharget lill-imputat ghas-somma ta' Lm455, flimkien mal-istess somma.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PS 1086 Johann Micallef**[3] li qal illi fl-4 ta' Ottubru 2006, saret tfittixija gewwa garaxx fi Triq Corea, Qormi u li prezenti kien hemm ukoll l-imputat u li huwa kien ta struzzjonijiet sabiex issir tfittxija fil-vettura tal-istess imputat. In kontro-ezami, huwa qal ukoll illi kien ghamel tfittxija fil-garaxx ta' Cucciardi, fejn instabu ammont kbir ta' pilloli *ecstasy* u borza bi trab abjad suspettat kokaina. Ma gietx elevata *cannabis*.

[2] A fol. 24 sa 26 tal-process.
[3] A fol. 30 u 31 tal-process u a fol. 38 sa 40 tal-process.

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2006, xehed ukoll **PC 642 Joseph Camilleri**[4], li qal illi fid-data in kwistjoni, huwa kien ghamel tfittxija fil-vann Pajero fil-presenza ta' PS 1044 Gordon Calleja u tal-imputat. Meta gie mistoqsi jekk kellux xi haga illegali fil-vettura, l-imputat tahom tlett boroz bi trab abjad suspettat kokaina u minn tfittxija fl-istess vettura nstabu xi tminn bicciet raza tal-*cannabis*. Ftit minn dawn instabu fl-art, ohrajn hdejn il-*handbreak* u ohrajn fid-*dashboard*. Huwa eleva wkoll Lm455 fi flus kontanti li kienu maqsumin mija mija u li nstabu wara l-*handbreak*, fil-*glove compartment* tan-nofs. Fl-istess seduta u fis-seduta tas-6 ta' April 2009, xehed **PC 246 Vincent Cesare**[5], li qal illi fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru 2006, flimkien ma' PC 642, huwa ghamel tfittxija fir-residenza tal-imputat, fejn minn kaxxa li tissakkar, li kienet fil-kamra tas-sodda tieghu, l-istess imputat hareg borza bajda u tahielu f'idejh. L-imputat qallu li din kienet tikkontjeni kokaina. Minn tfittixja fid-dar, ma rrizulta xejn izjed. Xehdet ukoll **WPC 127 Carmen Gauci**[6], li qalet illi waqt li kienet qeghda ssir it-tfittxija fil-Pajero minn PC 642, hija ma kinitx prezenti, izda kienet qeghda ma' tfajla Rumena li kienet qeghda mal-imputat, u li fil-hin li waslu l-pulizija fuq il-post, ghall-habta tal-10pm, kienet qeghda bil-qeghda fl-istess Pajero.

Fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2011, xehed **l-Ispizjar Mario Mifsud**.[7] Mir-relazzjoni esebita minnu[8], jirrizulta illi l-espert gie mghoddi s-segwenti ghall-analizi tieghu u cioe`:

1. Pakkett ta' lewn il-fidda ta' karti tal-brim tas-sigaretti tal-marka 'Rizla' u blokka zghira ta' sustanza kannella. Din giet elevata minn fejn il-*handbrake* u kellha piz ta' 2.095 grammi;

2. Pakkett ta' lewn il-fidda ta' karti tal-brim tas-sigaretti tal-marka 'Rizla' u blokka zghira ta' sustanza kannella. Din gie elevata minn hdejn il-*handbrake* u kellha piz ta' 2.117 grammi;

---

[4] A fol. 32 sa 35 tal-process.
[5] A fol. 36 u 37 tal-process u a fol. 92 u 93 tal-process.
[6] A fol. 41 u 42 tal-process u a fol. 77 u 78 tal-process..
[7] A fol. 126 u 127 tal-process.
[8] A fol. 128 tal-process.

3. Borza tal-*plastic* trasparenti li go fiha kien hemm zewg blokki zghar ta' sustanza kannella. Din giet elevata minn hdejn il-*handbrake* u l-blokki kellhom piz ta' 1.304 grammi u 4.423 grammi rispettivament;

4. Pakkett tas-sigaretti tal-marka 'Rothmans' li go fih kien hemm blokka zghira ta' sustanza kannella. Din giet elevata minn quddiem fid-*dashboard* u kellha piz ta' 1.156 grammi ;

5. Borza zghira tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm blokka zghira u ftit frak ta' sustanza kannella u borza tal-karti ta' lewn kannella li kienet imqatta'. Dawn gew elevati minn hdejn il-*handbrake*. Il-blokka kellha piz ta' 2.110 grammi, fil-waqt illi l-frak kellu piz ta' 0.858 grammi;

6. Tlett boroz zghar tal-plastik. Wahda minn dawn kienet vojta u fiz-zewg boroz l-ohra kien hemm ftit trab u speci ta' bocci zghar ta' sustanza bajda. Fiz-zewg boroz kien hemm piz rispettiv ta' 0.6 grammi u 2.012 grammi;

7. Borza zghira tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm ftit trab u speci ta' bocci zghar ta' sustanza bajda. Mit-*tag*, wiehed jista' jifhem li din kienet is-sustanza elevata mir-residenza tal-imputat u t-trab kellu piz ta' 1.302 grammi.

Skond il-konkluzjonijiet tal-espert imbaghad, fil-borza zghira tal-*plastic* trasparenti li kienet vojta (paragrafu 6) ma nstabux sustanzi illegali.

Fis-sitt blokki zghar u frak ta' sustanza kannella, f'ammont net totali ta' 14.063 grammi, instabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* (*THC*). Il-medja tal-purita` f'din ir-raza tal-pjanta tal-*cannabis* ghas-sustanza THC kienet ta' cirka 9.31%.

In oltre it-trab u speci ta' bocci ta' sustanza bajda fit-tlett boroz zghar tal-*plastic*, f'ammont nett totali ta' 3.914 grammi, instabet fihom is-sustanza kokaina. Il-medja tal-purita` ta' dawn is-sustanzi ghas-sustanza kokaina kienet ta' cirka 63.8%.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-5 ta’ Ottubru 2006[9], **l-imputat** qal illi huwa jahdem bhala *taxi driver* u li kien ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal madwar tlett snin. Kien jaf lil Vincent Cucciardi bhala xufier tat-*taxi* u kien ilu jafu ghall-istess perjodu ta’ zmien. Mistoqsi ghaliex mar fil-garaxx ta’ Cucciardi, huwa wiegeb illi kien mar ihallsu l-ahhar Lm500 li kellu jaghtih fuq il-vann Pajero li kien xtara minghandu xi tlett xhur qabel. Il-flus tahomlu, izda Cucciardi ma tahx ircevuta.

Mistoqsi dwar il-bicciet tar-raza tal-*cannabis* u zewgt iqratas tal-kokaina misjuba fil-vettura tieghu, kif ukoll dwar il-qartas tal-kokaina li kien fil-kamra tas-sodda, l-imputat qal illi dawn kienu tieghu. Mistoqsi dwar kemm kien juza raza tal-*cannabis*, huwa qal li kien jiehu madwar zewg sigaretti kuljum u fir-rigward tal-kokaina, qal illi kien juza f’okkazzjoni, mhux kuljum. Tal-*cannabis* li kellu fil-pakkett tas-sigaretti kien hallas Lm10, izda dwar l-ohrajn qal illi lanqas biss kien jaf bihom, ghaliex dawk waqghu u intilfulu. Dwar il-flus misjuba fil-pussess tieghu, l-imputat wiegeb li dawk il-flus, huwa soltu jzommhom fuqu u mistoqsi ghaliex kienu separati minn xulxin, huwa wiegeb, illi huwa ma jaghtix kaz kif jitfaghhom, izda jitfaghhom hemm. Meta gie ssuggerit lilu illi kien qed jitraffika fid-droga kokaina u r-raza tal-*cannabis*, huwa nnega dan u qal illi dawk kienu ghal uzu personali tieghu u li mhux minnu li kien ghand Cucciardi sabiex jixtri d-droga. Qal illi l-habiba tieghu li kienet mieghu fil-vettura, ma kellhiex x’taqsam ma’ din id-droga. Mistoqsi jekk il-*mobile* Samsung kienx tieghu, wiegeb fl-affermattiv u qal li n-numru ma kienx jafu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta’ Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

*“Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu*

[9] A fol. 27 u 28 tal-process.

*personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi dak li qeghda tikkontesta d-difiza m'huwiex il-pussess illegali tad-droga misjuba, izda l-pussess aggravat tal-istess. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-fatti li jirrizultaw mill-provi u dwar jistax jinghad illi jirrizultaw cirkostanzi li jwassluha ghall-konvinzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi d-droga misjuba ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Fir-rigward tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*, jirrizulta li nstabu sitt bicciet zghar u ftit frak li b'kollox kellhom piz totali ta' 14.063 grammi, b'purita` ta' cirka 9.31%. Jirrizulta wkoll illi l-pizijiet rispettivi ta' dawn il-bicciet u frak kienu s-segwenti: 2.095 g, 2.117 g, 1.304 g, 4.423 g, 1.156 g, 2.110 g u 0.858 g. Skond ir-relazzjoni tal-espert Mario Mifsud, mit-*tags* jirrizulta illi xi whud minn dawn instabu hdejn il-*handbreak* fil-vettura tal-imputat, fil-waqt illi bicca minnhom instabet gewwa d-*dashboard.* Fix-xhieda tieghu, PC 642 Joseph

Camilleri jghid illi ftit minn dawn instabu fl-art, ohrajn hdejn il-*handbreak* u ohrajn fid-*dashboard*. Jidher ukoll illi zewg bicciet instabu ma’ zewg pakketti tal-karti tal-brim tas-sigaretti ‘Rizla’ rispettivament, bicca ohra instabet f’pakkett tas-sigaretti Rothmans, zewg bicciet instabu flimkien f’borza zghira tal-*plastic* u bicca ohra u xi frak instabu f’borza zghira ohra tal-*plastic.* Dwar id-diversi bicciet li nstabu mal-art jew hdejn il-*handbreak*, l-imputat qal fl-istqarrija tieghu, li dawn qas kien jaf bihom ghaliex waqghu u intilfulu. Mistoqsi kemm kien juza raza tal-*cannabis*, huwa qal li kien juza madwar zewg sigaretti kuljum.

Minn dan kollu, l-unici cirkostanzi li l-Qorti tista’ tqis li jistghu jkunu tali li jindikaw il-pussess aggravat huma l-kwantita` ta’ raza misjuba u l-fatt li kienu maqsumin f’ammonti zghar li xi whud minnhom kellhom piz kemmxejn simili ghalkemm l-ebda bicca ma kienet identika fil-piz ghall-ohra. Il-Qorti ghandha wkoll ir-rizervi taghha dwar it-twegiba tal-imputat fis-sens illi l-bicciet li nstabu hdejn il-*handbreak* jew mal-art kienu waqghulu u ntilfulu, ghalkemm mill-banda l-ohra l-mod li fih instabu dawn il-bicciet jista’ jkun indikattiv ta’ element ta’ traskuragni da parti tal-imputat. Mehud in konsiderazzjoni wkoll, madankollu, illi dawn il-bicciet instabu mferrxin kif kienu, u skond PC 642, kien hemm xi whud mal-art, kif ukoll illi l-pizijiet kienu differenti, oltre l-fatt illi l-imputat ammetta *a tempo vergine* illi huwa kien jabbuza minn madwar zewg *joints* kuljum u li nstabu wkoll fil-vettura tieghu pakketti tal-karti tal-brim tas-sigarretti, li wkoll jindikaw abbuz tar-raza tal-*cannabis* da parti tal-istess imputat – u li ghalhekk f’dan l-isfond, huwa verosimili li l-ammont ta’ raza konsistenti f’piz totali ta’ 14.063 grammi kien ghall-uzu personali tal-imputat – il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi din ir-raza ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Anke meta mbaghad il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni ma’ dan kollu s-somma ta’ Lm455 misjuba fil-pussess tal-imputat, li skond ix-xhieda ta’ PC 642 Joseph Camilleri, kienet maqsuma mija mija. Huwa minnu illi l-imputat ma tax xi gustifikazzjoni ghall-fatt li dawn kienu maqsumin kif kienu, anzi qal illi ma jaghtix kaz kif jitfa’ l-flus u sempliciment jitfaghhom hemm, liema spjegazzjoni

ma tantx tregi la darba l-flus instabu maqsumin mija mija, imma mill-banda l-ohra, tenut kont ukoll illi l-imputat kellu mpjieg fiss u kien ilu jahdem bhala *taxi driver* matul it-tlett snin ta' qabel, m'hemm assolutament xejn fl-atti li jista' jindika li dawk il-flus kienu gejjin mill-bejgh tad-droga, oltre l-fatt li nstabet id-droga fil-pussess tieghu, liema fatt fih inniffsu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ma jwassalx lill-Qorti ghall-konvinciment morali illi d-droga kienet intiza ghall-ispacc.

Fir-rigward tad-droga kokaina, imbaghad, japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti izjed il'fuq. Veru li d-droga kokaina instabet *in parte* fil-vettura tal-imputat – zewg boroz zghar tal-*plastic*, wahda b'piz ta' 0.6 g u l-ohra b'piz ta' 2.012 g u ghalhekk jista' jqajjem suspett il-fatt illi l-imputat kien qed idur bil-kokaina fil-vettura tieghu. Certament illi jqajjem suspett ukoll il-fatt illi l-kokaina misjuba fil-pussess tal-imputat kellha purita` medja ta' cirka 63.8% li hija purita` gholja. Madankollu, mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ammetta wkoll illi huwa jabbuza mill-kokaina, ghalkemm qal ukoll illi dan mhux ta' kuljum, izda f'okkazzjoni, tenut kont ukoll tal-fatt illi b'kollox instab ammont nett totali ta' 3.914 grammi kokaina u ghalhekk mhux ammont sostanzjali u li jista' facilment jaqa' fil-parametri ta' pussess ghall-uzu personali, u izjed u izjed tenut kont tal-fatt illi t-tlett boroz misjuba kellhom pizijiet diversi – 0.6 g, 2.012 g u 1.302 g, u li l-ahhar wiehed minn dawn instab fil-kamra tas-sodda tal-imputat, izjed iqanqal dubju f'mohh il-Qorti dwar kemm id-droga misjuba kienet intiza ghall-ispaccar lil terzi. Marbut ma' dan kollu, imbaghad, hemm l-assenza kompleta ta' xi cirkostanzi ohrajn bhal ma huma n-nuqqas ta' sejbien ta' xi *cutting agents*, xi mizien, qratas vojta, ismijiet jew numri tat-telefon li jistghu jindikaw kuntatti mal-klijenti tal-ispaccatur. In oltre, kif inghad izjed il'fuq, l-imputat kellu mpjieg fiss li kien ilu fih ghal tlett snin u ghalhekk qas kien il-kaz illi l-imputat ma kellux mezzi ohrajn, ghajr il-bejgh tad-droga, sabiex imantni l-uzu tieghu mill-istess.

Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tirrimarkax illi l-pulizija setghet ukoll resqet provi ohrajn, bhal per ezempju, il-*mobile* tal-imputat li jissemma fl-istqarrija

tieghu, kif ukoll ix-xhieda tal-mara Rumena li kienet flimkien mal-imputat u fil-vettura tieghu, meta gie arrestat l-istess imputat.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel u t-tieni imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, b'dan illi qed issib lill-istess imputat hati ta' pussess illegali ossia semplici ta' droga kokaina u ta' raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis*.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali hija aggornata sat-28 ta' Novembru 2012[10], mil-liema jirrizulta *inter alia* illi wara l-kaz odjern, l-imputat rega' nstab hati ta' pussess semplici tad-droga kokaina u tar-raza tal-*cannabis*, dwar liema huwa nghata liberazzjoni kundizzjonata ghall-perjodu ta' sena. Minn dan jidher ghalhekk illi l-imputat ma tghallimx mill-esperjenza li kien ghaddej minnha fil-kaz odjern u kompla jxellef diffrejh mal-gustizzja.

Qieset ukoll l-ammonti ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat u b'mod partikolari, il-fatt illi l-purita` medja tad-droga kokaina kienet wahda gholja.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnhom, b'dan

[10] A fol. 145 sa 146A tal-process.

illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni qed issibu **hati** ta’ pussess illegali (semplici) tad-droga kokaina u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, qed issibu **hati** ta’ pussess illegali (semplici) tar-raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis*, u tikkundannah ghal **piena ta’ ghaxar (10) xhur prigunerija** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tigi **sospiza ghal perjodu ta’ sentejn mil-lum**.

Il-Qorti wissiet lill-hati, bi kliem semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti f’dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-esperti li gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Joseph Zammit, ammontanti ghas-somma ta’ mitejn, erbgha u hamsin Euro u tlieta u disghin centezmu (€254.93), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta’ erba’ mija, sebgha u disghin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€497.51) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta’ PC 94 Jack Farrugia, ammontanti ghas-somma ta’ sitt Liri Maltin, ekwivalenti ghas-somma ta’ tlettax-il Euro u tmienja u disghin centezmu (€13.98). Dawn l-ispejjez, f’total ta’ seba’ mija, sitta u sittin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€766.42) ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tlett (3) xhur mil-lum, b’dan illi jekk huwa jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

In oltre stante illi ma jirrizultax fil-grad rikjest mil-ligi, illi s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u hamsin Liri Maltin (Lm455) ekwivalenti ghas-somma ta’ elf, disgha u hamsin Euro u sitta u tmenin centezmu (€1,059.86), esebita f’dawn il-proceduri

bhala Dok. NC1, kienet provenjenti mill-bejgh tad-droga, il-Qorti qed tordna r-rilaxx ta’ din is-somma favur il-hati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------